MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMĦALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2179/1999/1

**DBC LIMITED ġja' D. Burke Company Limited**

**vs**

**John ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 t'Ottubru, 1999, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi l-konvenut huwa accountant u awditur pubbliku;

Illi s-soċjeta' attriċi kienet inkarigat lill-konvenut sabiex jipprovdilha servizzi professjonali, inkluż ill jżomm u jaġġorna l-files u dokumenti oħra relattivi tat-taxxa, inkluż tax returns, ta' l-istess soċjeta' attriċi;

Illi sussegwentement, meta l-ishma tas-soċjeta' attriċi ġew trasferiti lis-sidien odjerni, is-soċjeta' attriċi ma baqgħetx tuża s-servizzi professjonali tal-konvenut;

Illi, sabiex tkun tista' taġġorna l-accounts tagħha, u sabiex tkun tista' tissottometti r-returns fiskali relattivi kif rikjest mill-awtoritajiet kompetenti, is-soċjeta' attriċi teħtieġ il-files u dokumenti oħra relattivi tat-taxxa tagħha;

Illi għal dan il-għan is-soċjeta' attriċi interpellat, anke uffiċjalment, lill-konvenut sabiex jikkonsenjalha l-files u dokumenti oħra relattivi għall-operat tagħha fit-terminu stabbilit mil-liġi sabiex is-soċjeta' attriċi tissottometti r-return fiskali u l-accounts tagħha lill-Uffiċju tat-Taxxi Interni, iżda l-istess konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-konvenut huwa obbligat li jikkonsenja l-imsemmija files u dokumenti oħra relattivi tas-soċjeta' attriċi lill-istess soċjeta' attriċi;

Illi l-inadempjenza tal-konvenut fl-imsemmija obbligi tiegħu, is-soċjeta' attriċi qegħda ssofri danni u qegħda tiġi esposta għall-penali u mgħaxijiet li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu fuqha;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa obbigat li jikkonsenja lis-soċjeta' attriċi l-files u dokumenti oħra relattivi tat-taxxa, inkluż tax returns, proprjeta' ta' l-istess soċjeta' attriċi;

2. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja l-imsemmija files u dokumenti oħra relattivi tat-taxxa lis-soċjeta' attriċi;

3. Tiddikjara li bl-aġir, ossia inadempjenza, tal-konvenut kif deskritt is-soċjeta' attriċi soffriet u qegħda issofri danni;

4. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi minħabba l-imsemmi aġir tal-konvenut;

5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru 1999, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 t'Ottubru, 1999, li bih ċaħdet talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tad-19 t'Ottubru, 1999[1], biex il-kawża tinstama'bl-urġenza;

Rat in-Nota mressqa fit-18 ta' Frar, 2000, li biha l-imħarrek John Attard eċċepixxa:

1. Illi l-eċċipjent ma jeżerċitax il-professjoni bħala Uditur, iżda huwa partner fis-soċjeta' ta' Udituri BDO Attard Buttigieg, Psaila & Co: l-atti għalhekk għandhom jiġu korretti f'dan is-sens għaliex kull rapport professjonali kien mas-soċjeta' ta' Udituri;

2. Illi r-raġuni għaliex l-esponent ma kkonsenjax id-dokumenti hija illi s-soċjeta' għandha tagħti l-ammont ta' flus; id-ditta BDO Attard Buttigieg Psaila & Co Limited dejjem iddikjarat ruħha pronta illi tikkonsenja d-dokumenti purche' isir il-ħlas; fil-fatt kien sar trasferiment ta' azzjonijiet u s-soċjeta' attriċi kienet tgħid lill-udituri sabiex jitħallsu mill-azzjonisti perċedenti filwaqt illi r-relazzjoni legali dejjem kienet bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' ta' udituri; is-soċjeta' ta' udituri eżerċitat dritt ta' retenzjoni fuq id-dokumenti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' attriċi ma tistax tirrifjuta li tħallas għall-opra

[1] Paġ. 8 tal-proċess

professjonali, trid l-istess opra u mbagħad tippretendi d-danni;

4. Illi fil-mertu, la l-konvenut u lanqas is-soċjeta' ta' Udituri BDO Attard Buttigieg Psaila & Co ma kkawżaw danni;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat il-verbali tas-smigħ tad-9 ta' Frar, 2001, tal-4 t'April, 2001, li bihom il-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jippruvaw jilħqu ftehim barra l-Qorti;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-11 ta' Ġunju, 2001[2], li biha hija ċediet l-ewwel żewġ talbiet tagħha;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal radd lura ta' dokumenti tal-kumpannija attriċi miżmumin mill-imħarrek u għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba ż-żamma tagħhom minnu;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li huwa jaħdem fi ħdan ditta li kienet tagħti servizzi lill-kumpannija attriċi, u żammet id-dokumenti minħabba li ma kinitx

[2] Paġ. 44 tal-proċess

tħallset tas-servizzi mogħtija. Ċaħad li hu jew id-ditta ikkawżaw xi danni lill-kumpannija attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża, joħroġ li għal xi żmien l-imħarrek kien jagħti s-servizzi tiegħu lill-kumpannija attriċi. Għall-ħabta ta' Frar tal-1998, kien sar ftehim li bih l-azzjonisti tal-kumpannija attriċi biegħu l-ishma tagħhom lil persuni oħrajn. Il-kumpannija ma baqgħetx tinqeda bis-servizzi tal-imħarrek għaliex ħatret persuna oħra minfloku. Fiż-żmien li seħħ il-bdil, l-imħarrek kellu f'idejh xi dokumenti tal-kumpannija attriċi. Fit-8 t'Ottubru, 1999, infetħet il-kawża;

Illi wara li l-kumpannija attriċi ċediet l-ewwel żewġ talbiet tagħha, jifdal biss li wieħed iqis il-kwestjoni tad-danni li l-istess kumpannija tgħid li ġarrbet minħabba l-imġiba tal-imħarrek;

Illi għar-rigward tal-kwestjoni tad-danni, il-kumpannija attriċi tibni l-każ tagħha fuq il-ħtija tal-imħarrek minħabba fin-nuqqas ta' diliġenza f'għemilu[3]. Il-kumpannija attriċi seħħilha turi li qabel ma waslet biex fetħet il-kawża, kienet talbet lill-imħarrek iroddilha lura d-dokumenti tagħha, u li dan naqas li jagħmel hekk. M'hemmx dubju li huwa kien jaf x'qiegħed jintalab minnu, u kemm hu hekk, matul is-smigħ tal-kawża, wettaq sewwasew dak li kien intalab jagħmel tant żmien qabel. Irriżulta wkoll li f'Awissu tal-1999, il-kumpannija attriċi kienet għarrfet lill-imħarrek li n-nuqqas tiegħu kien qiegħed iqegħdha f'dewmien biex tagħlaq il-kotba tagħha dwar l-1998[4]. Ftit tal-jiem wara, bagħtitlu att ġudizzjarju f'dan is-sens;

Illi fil-każ ta' nuqqas ta' diliġenza, il-liġi tgħid li n-nuqqas ta' twettiq ta' xi dmir jew għamil impost mil-liġi jagħti lok għad-danni kemm jekk dak in-nuqqas isir bi ħsieb u kif ukoll jekk mingħajr ħsieb. F'dan il-każ, l-imħarrek kien jaf sewwa x'qiegħed jagħmel[5];

[3] Art. 1033 tal-Kap 16
[4] Dok "MC1", f'paġ. 15 tal-proċess
[5] Ara Dok "MC2", f'paġ. 16 tal-proċess

Illi għall-finijiet tat-talbiet dwar likwidazzjoni ta' danni, il-kumpannija attriċi iddikjarat[6] li t-talba tagħha kienet limitata għall-ammont ta' penali li hija twaħħlet mill-awtorita' kompetenti talli ressqet tard it-tagħrif meħtieġ minħabba li ma setgħetx tibgħatu fil-ħin għax id-dokumenti kienu f'idejn l-imħarrek. F'dan ir-rigward ukoll il-kumpannija attriċi wriet li ġarrbet danni u li dawn kienu jammontaw għal madwar mitejn u erbgħin lira Maltija;

Illi huwa prinċipju tad-dritt li persuna li ġġarrab danni hija obbligata li tagħmel minn kollox biex tnaqqas l-effetti tagħhom. Jidher li l-kumpannija attriċi għamlet l-almu tagħha biex twettaq dan l-obbligu. Kemm hu hekk jirriżulta li bl-għajnuna tal-*accountant* maħtur minnha bħala suċċessur tal-imħarrek, seħħilha terġa' tibni d-dokumentazzjoni meħtieġa biex tkun tista' tħares l-obbligi tagħha mal-awtoritajiet kompetenti. Intwera li wħud mid-dokumenti li kienu f'idejn l-imħarrek kienu strumentali biex bihom il-kumpannija attriċi setgħet tressaq fil-ħin id-dikjarazzjonijiet u t-tagħrif mitlub. Minħabba li hija kienet imċaħħda mill-użu u l-aċċess għall-imsemmija dokumenti, ma laħqitx għamlet l-eżerċizzju tar-"rikorstruzzjoni" fi żmien qasir biżżejjed biex tevita l-penali:

Illi ntwera wkoll għas-sudisfazzjon ta' din il-Qorti li l-penali kienet konsegwenza diretta tan-nuqqas ta' dokumentazzjoni f'idejn il-kumpannija attriċi, liema dokumenti ntwera li kienu f'idejn l-imħarrek. Meta l-imħarrek għaddhiehom lura lill-kumpannija attriċi matul is-smigħ tal-kawża, kien tard wisq għaliex il-penali kienet laħqet ġiet imposta;

Illi fuq kollox, l-imħarrek bl-ebda mod ma xejjen jew ċaħad il-fatti mressqin mill-kumpannija attriċi;

Illi issa li ntwera li l-ħsara mġarrba mill-kumpannija attriċi kienet effett dirett tal-fatt li l-imħarrek żamm għandu l-karti u d-dokumenti tagħha, irid jitqies jekk għa din l-imġiba l-istess imħarrek irid jagħmel tajjeb. Dan jingħad għaliex filwaqt li l-liġi[7] tagħmilha ċara li kull wieħed iwieġeb għall-

[6] Verbal tas-smigħ tal-25.6.2003 f'paġ. 66 tal-proċess
[77] Art 1031 tal-Kap 16

ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, il-liġi nnifisha teħles mir-responsabbilta' lil kull min jagħmel użu tal-jedd tiegħu fil-qies li jmiss[8], b'ħarsien tal-massima stabilita li *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*;

Illi, fil-każ partikolari, l-imħarrek jgħid li żamm f'idejh id-dokumenti tal-kumpannija bħala "rahan" sakemm jitħallas għal servizzi li kien ta lill-istess kumpannija, għal liema ħlas kellu jedd;

Illi jidher xieraq għalhekk li biex jiġi mistħarreġ kif imiss il-każ, jeħtieġ li wieħed jifli tliet oqsma: (a) fl-ewwel lok, il-jedd tal-imħarrek li jżomm dokumenti tal-kumpannija attriċi bħala garnazija għall-ħlas ta' drittijiet pretiżi minnu għal xogħlijiet professjonali mwettaq (*jus retentionis*), (b) fit-tieni lok, jekk il-pretensjonijiet tal-imħarrek messhomx jitressqu kontra l-kumpannija attriċi, bħala akkwirenti tal-ishma, ladarba kien sar ftehim ta' trasferiment li kull obbligazzjoni tal-kumpannija sa qabel data partikolari kienu jibqgħu responsabbilta' tal-persuna ċedenti, u, (ċ) fit-tielet lok, jekk l-imħarrek huwiex marbut mal-imsemmi ftehim li fih jidher li ħa sehem ukoll[9];

Illi <u>dwar il-jedd ta' kreditur li jżomm il-ħaġa tad-debitur fil-pussess tiegħu</u>, jingħad li l-liġi tagħna tagħti għarfien limitat f'dan ir-rigward[10]: madankollu torbot il-jedd taż-żamma tal-ħaġa mal-eżistenza ta' jedd mogħti mil-liġi. Fi kliem ieħor, mhux kull min jemmen li għandu jedd jitnissel favurih il-*ius retentionis*: tali jedd irid ikun mogħti lilu espressament mil-liġi. Dan għaliex id-dritt taż-żamma huwa meqjus bħala "*una forma di autotutela e di legittima difesa... consentito soltanto nei casi espressamente previsti, in cui il legislatore ha ritenuto, perche' ragioni speciali giustificavano la tutela del creditore, di derogare al principio che l'ordinamento giuridico non permette ai singoli di farsi giustizia da se*"'[11];

Illi, madankollu, għalkemm il-*jus retentionis* huwa meqjus bħala istitut ta' għamla eċċezzjonali li jorbot biss fejn il-liġi

---

[8] Art. 1030 tal-Kap 16
[9] Ara x-xhieda ta' Martin Casha 9.6.2000 f'paġġ. 37-8 tal-proċess
[10] Art. 1997(1) tal-Kap 16
[11] Torrente, <u>*Manuale di Diritto Privato*</u> (9ª Ediz.), par 284, paġ. 460

espressament tistabilih, mhux kulħadd jilqa' l-fehma li d-dritt taż-żamma ma jistax japplika għal każijiet oħrajn li jħaddnu l-istess kundizzjonijiet essenzjali bħal dawk espressament imsemmija mil-liġi. Dan japplika wkoll fejn ikun hemm rabta bejn il-ħaġa miżmuma u l-kreditu tal-presuna li tippretendi li tista' tibqa' żżomm dik il-ħaġa[12]. Jidher li l-fehma hija li fil-liġi tagħna minkejja li d-dritt ta' ritenzjoni m'huwiex minnu nnifsu jedd ta' privileġġ jew kawża ta' prelazzjoni[13], l-istess kawżi ta' preferenza ma jnaqqsu xejn mis-saħħa ta' tali jedd fejn japplika. Jidher għalhekk li, fejn il-*ius retentionis* japplika, dan jista' jiġi oppost kontra t-terzi persuni li jkollhom interess fil-ħaġa miżmuma u mhux biss kontra d-debitur li mingħandu l-ħaġa għaddiet għand il-kreditur;

Illi, fil-każ partikolari, ma jidhirx li l-liġi Maltija (għall-kuntrarju ta' sistemi legali oħrajn[14]) - la dik ġenerali fid-diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili u lanqas dik speċjali tal-Kapitolu 281 - tagħti jedd espress lil persuna bħall-imħarrek biex iżomm taħt idejh karti u dokumenti ta' klijenti tiegħu, sakemm jitħallas. Dan jingħad b'iżjed qawwa għaliex jidher li d-dokumenti u karti li l-imħarrek żamm f'idejh ma kinux ix-xogħol tiegħu, imma kienu dokumenti u karti mgħoddija lilu biex minnhom silet tagħrif meħtieġ biex ifassal ix-xogħol tiegħu. Jidher ukoll li l-imħarrek żamm il-karti u d-dokumenti għal ħlas ta' servizzi oħrajn ma' liema l-istess karti u dokumenti ma kinux daqstant marbutin;

Illi dwar il-kwestjoni <u>kontra min l-imħarrek messu dar għall-ħlas tad-drittijiet tiegħu</u>, jingħad li huwa jisħaq li x-xogħol u s-servizzi tiegħu tahom lill-kumpannija. Dan huwa kollu minnu u m'huwiex kontestat mill-kumpannija attriċi, li taċċetta wkoll li dawk is-servizzi ngħataw fi żmien partikolari. Issa, apparti jekk il-kreditu pretiż kienx dovut lill-imħarrek personalment jew lid-ditta tal-awdituri li tagħha huwa wieħed mill-*partners*, intwera wkoll li r-rabta għall-ħlas tad-drittijiet spettanti lill-imħarrek saret minn persuna partikolari fl-okkażjoni tat-trasferiment tal-ishma

---

[12] App. Ċiv. **26.3.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Gulia et vs Joseph Aġius et*** (mhix pubblikata) li fiha studju tal-oriġini u l-għejjun tal-artikolu 1997 tal-Kodiċi Ċivili tagħna

[13] Art.1996 tal-Kap 16

[14] Ara, per eżempju, l-art. 2235 tal-Kodiċi Ċivili Taljan

tal-kumpannija attriċi lill-azzjonisti l-ġodda. F'dak il-ftehim, il-kumpannija attriċi jidher li nħelset mill-obbligu li tħallas lill-imħarrek id-drittijiet tiegħu għal servizzi professjonali mogħtijin lilha minnu qabel data partikolari. B'żieda ma' dan, l-imħarrek kien aċċetta f'idejh sensiela ta' *cheques* mingħand il-persuna li ntrabtet li tħallas dawk id-drittijiet, liema persuna ntrabtet lejn l-imħarrek personalment b'garanzija. B'dan il-mod u minn dak il-waqt, fil-fehma tal-Qorti, l-imħarrek ma baqax iżjed iqis lilu nnifsu kreditur tal-kumpannija imma ta' dak li kien azzjonist tagħha sa ċertu żmien, u dan minkejja dak li kien jaħseb l-imħarrek[15];

Illi <u>dwar jekk l-imħarrek huwiex marbut b'dak il-ftehim tat-trasferiment tal-ishma,</u> il-Qorti tibda biex tgħid li l-prinċipju ewlieni jibqa' li l-kuntratti għandhom effett biss bejn il-partijiet li jikkuntrattaw fihom u li ma jistgħu jkunu tal-ebda ġid jew ħsara lil ħaddieħor[16]. Iżda f'dan il-każ partikolari, l-imħarrek lanqas il-kenn ta' dan il-prinċipju ma jidher li jista' jgħinu. Għalkemm ħadd mill-partijiet ma deherlu li kellu jressaq kopja tal-ftehim tat-trasferiment tal-ishma fl-atti ta' din il-kawża, il-Qorti għandha quddiemha materjal biżżejjed biex tista' tislet fehma. Kien l-imħarrek innifsu li stqarr li iddiskuta u fassal l-abbozz tal-ftehim tat-trasferiment tal-ishma[17], u l-Qorti ma tistax ma tqisx li l-klawsola dwar mingħand min kellu jitħallas tad-drittijiet professjonali tiegħu ma kinitx ukoll magħrufa mill-istess imħarrek. Jekk kien hu li fassal il-ftehim, ma setax ma kienx huwa wkoll li qabel, aċċetta jew irratifika dak li kien qiegħed jiġi miftiehem. Il-konklużjoni waħdanija li tislet il-Qorti minn dan kollu hi li l-imħarrek kien għaraf li l-kreditu kien rabta ta' persuna oħra mhux iżjed tal-kumpannija attriċi lejh;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex issib li l-imħarrek jaħti għall-ħsara li ġarrbet il-kumpannija attriċi minħabba għamilu, u ta' dan irid jagħmel tajjeb;

Illi, kif ingħad, l-ammont ta' danni li l-kumpannija attriċi qegħda tirreklama huwa s-somma ta' penali li hija kienet

---

[15] Xhieda tiegħu 10.10.2001 f'paġ. 55 tal-proċess
[16] Art. 1001 tal-Kap 16
[17] Ara d-Dok "MC2" f'paġ. 18, u x-xhieda tal-imħarrek 10.10.2001 f'paġ. 52 tal-proċess

intalbet tħallas. Din telgħet għal mitejn u sebgħa u tletin lira Maltija u disgħin ċenteżmu (Lm 237.90). Il-kumpannija ħallset l-imsemmi ammont f'Ġunju tal-2000, waqt li l-kawża kienet miexja[18]. Ma tressqet l-ebda pretensjoni oħra ta' danni min-naħa tal-kumpannija attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel żewġ talbiet** tal-kumpannija attriċi, billi hija ċediethom;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tiddikjara lill-imħarrek ħati tad-danni mġarrbin minnha minħabba l-imġiba tiegħu, u senjatament billi żamm f'idejh karti u dokumenti tagħha;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tillikwida d-danni fis-somma ta' mitejn u sebgħa u tletin lira Maltija u disgħin ċenteżmu (Lm 237.90);

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-imsemmija somma hekk likwidata bħala danni lill-kumpannija attriċi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-imħarrek bħala m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, kif mitlub.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[18] Dok "MC6", f'paġ. 24 tal-proċess